MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Numru 1027/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARLO ELLUL**

**VS**

**JEFFREY FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jeffrey Farrugia, bin Grazio u Maria Dolores nee' Dalli, imwieled Tal-Pieta' nhar l-4 ta' Ottubru, 1984, residenti fil-fond Flat 6, Block 2, Door A9, Misrah Awrekarja, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0484884(M);

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Awwissu, 2006, ghall-habta tat-3.30am, f'San Gwann, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' fil-vettura tal-marka Skoda 120L, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni JAT 628, liema

ammont tal-hsara ma jiskorrix il-hames mitt maltin (Lm500.00), imma hija izjed minn hamsin lira maltin (Lm50.00), u liema hsara saret ghad-detriment tas-Sur Oliver Micallef, detentur tal-karta tal-identita’ numru 554361 (M);

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Jeffrey Farrugia hati, u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Inoltre din il-Qorti tordna wkoll lill-istess imputat ihallas is-somma ta’ mitt lira maltin (Lm100.00), bhala danni sofferti minn Oliver Micallef fi zmien tlitt (3) xhur, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------